9 ta' Marzu, 1957

Imħallef: —

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Alfred Coppola *versus* Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier et. ne.

## Filjazzjoni Illeġittima — Leġittimazzjoni "per subsequens" — Stat Ċivili — Att tat-Twelid — Prova — Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 129 tal-Kodiċi Ċivili

*Wieħed mir-rekwiżiti għall-leġittimazzjoni "per subsequens matrimonium" huwa li dak li jkun ikun ġie konċepit "ex soluto et soluta"; għaldaqstant, jekk anki wieħed mill-ġenituri kien, fi żmien il-konċepiment tat-tifel, marbut bi żwieġ ma' persuna oħra, dik il-leġittimazzjoni ma tistgħax tingħata.*

*Il-prova ta' dan ir-rekwiżit tinkombi fuq min jitlob il-leġittimazzjoni "per subsequens"; imma, stante li l-istat tal-persuni huwa ta' ordni publiku, huwa xieraq li l-Qorti, fil-każ li ma tiġix sostanzjata l-libertà tal-ġenituri tal-attur fi żmien il-konċepiment tiegħu, minflok li tiċħad it-talba, tillibera "at observantia", sabiex l-attur tibqagħalu l-opportunità li jissostanzja dan ir-rekwiżit tal-leġittimazzjoni "per subsequens" il-quddiem.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-attur twieled fit-3 ta' Novembru 1904 minn Concetta neè Romano, armla minn Giovanni Degiorgio, u minn missier li, sija fir-Reġistru Publiku kemm ukoll fil-fidi parrokkjali, huwa ndikat bħala injot (dok. A u B li jinsabu eżibiti fl-atti tal-kawża "Coppola vs. Avv. Dr. Scicluna ne." ċeduta fit-13 ta' Novembru 1952); u billi l-imsemmi Giovanni Degiorgio, l-ewwel raġel ta' Concetta neé Romano, kien miet aktar minn ħdax il-sena qabel it-twelid tal-attur, ċjoè fis-27 ta' April 1893 (dok. C fl-istess kawża); u billi, meta twieled l-attur, ommu kienet tgħix ma'

Santo Coppola, illum mejjet, u l-attur kemm ukoll ħutu l-oħra John u Lilian, dejjem ġew kunsidrati bħala ulied Santo Coppola: u billi fis-7 ta' Frar 1910 l-imsemmijin Santo Coppola u Concetta neé Romano, armla Degiorgio, iżżewġu (dok. D fl-istess kawża), iżda ma ttieħdu ebda passi sabiex jiġi korrett l-att tat-twelid tal-attur; talab (1) li jiġi dikjarat minn din il-Qorti illi l-imsemmi Alfredo Coppola twieled fit-3 ta' Novembru 1904 minn Santo Coppola, il-lum mejjet, u minn Concetta neé Romano, (2) u li jiġi dikjarat, għall-finijiet kollha tal-liġi, li huwa ġie leġittimat "per subsequens matrimonium" meta l-ġenituri tiegħu żżewġu fis-7 ta' Frar 1910. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel domanda;

Illi mix-xhieda tal-attur, li ma ġietx kontraddetta minn ebda prova, jirriżulta li mit-twelid tiegħu jaf lil Santo Coppola bħala missieru; dan kien jgħix fl-istess dar ma' Concetta Degiorgio, omm l-istess attur, kien jittrattah bħala ibnu, u dan dejjem ġieb il-kunjom Coppola. Kwantu mbgħad għal Concetta Degiorgio neé Romano, barra milli ġie pruvat li kienet tikkoabita ma' Santo Coppola flimkien mal-attur, ġiet dikjarata bħala omm l-istess attur fl-att tat-twelid tiegħu (fol 14 tal-kawża l-oħra), kienet, kif ġa ngħad, tgħix fl-istess dar mal-attur, u dan kien baqa' jittrattaha bħala ommu sal-mewt; mbgħad, fis-7 ta' Frar 1910, hija żżewġet ma' Santo Coppola missieru (fol. 12 tal-proċess l-ieħor);

Illi b'daqshekk il-Qorti hija soddisfatta li l-ġenituri tal-attur huma Santo Coppola u Concetta Degiorgio; u konsegwentement l-ewwel domanda hija sostnuta;

Ikkunsidrat, dwar it-tieni domanda;

Illi wieħed mir-rekwiżiti għall-leġittimazzjoni "per

subsequens matrimonium" huwa li dak li jkun ikun ġie konċepit "ex soluto et soluta", u kwindi ma tistgħax tingħata leġittimazzjoni jekk anki wieħed mill-ġenituri kien, fiż-żmien tal-konċepiment tat-tifel, marbut bi żwieġ ma' persuna oħra (art. 129 Kod. Ċiv.). Din il-prova, li kienet tinkombi lill-attur, ma saretx. Difatti, mill-att taż-żwieġ bejn Santo Coppola u Concetta Degiorgio (fol. 12 tal-kawża l-oħra) jirriżulta li Santo Coppola kien ġa miżżewweġ u armel minn Emmanuela Calleja. Veru li din mietet fit-12 ta' Jannar 1910 (fol. 21); però ma jirrizultax meta kien ġie ċelebrat iż-żwieġ tagħha ma' Santo Coppola, li skond l-attur sar bejn is-sena 1868 u s-sena 1888 (fol. 27). U billi l-attur twieled fit-3 ta' Novembru 1904, jekk dawk il-preżunti dati taż-żwieġ huma attendibbli, l-attur ġie konċepit fi żmien li Santo Coppola kien għadu marbut bl-ewwel żwieġ tiegħu; u konsegwentement l-attur, bħala tifel adulteru, ma jistgħax jibbenifika miż-żwieġ sussegwenti tal-ġenituri tiegħu. Fi kwalunkwe każ, "rebus sic stantibus", ir-rekwiżit fuq imsemmi ma ġiex sostanzjat; u għalhekk it-tieni domanda tal-attur ma tistgħax tiġi milqugħa; iżda, peress li l-istat tal-persuni huwa ta' ordni publiku (v. Laurent, Diritto Civile, Vol. I, §47), huwa xieraq li tiġi mogħtija lill-attur l-opportunità li jkun jista' jissostanzja l-quddiem ir-rekwiżit fuq imsemmi;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-ewwel talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra l-eredità ġjaċenti ta' Santo Coppola;

U tillibera lill-konvenuti nomine mill-osservanza tal-ġudizzju rigward it-tieni domanda, bl-ispejjeż kontra l-attur.

---